MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 15/2009

**Paul Demicoli (ID 488157M)**

**-vs-**

**J.D.C. Co. Ltd. – C12753**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf presentat fis-7 ta’ Jannar 2009 li jghid hekk:-

“1. Illi s-socjeta’ konvenuta hija vera, certa u likwida debitrici a favur tal-attur fis-somma ta’ tnejn u tletin elf mija u wiehed u erbghin Ewro (€32,141) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta’ flus li ghadhom dovuti in konnessjoni ma’ diversi servizzi debitament resi u esekwiti mill-attur fuq inkariku tas-socjeta’ konvenuta liema servizzi jikkonsistu fix-xoghol u materjal ta’ bini inkorsi fuq progett tas-socjeta’ konvenuta gewwa Triq Tumas Fenech,

Birkirkara, u dana skond ma jirrizulta mill-anness prospett markat DOK A ;
2. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-istess dejn ;

3. Illi s-socjeta' konvenuta kienet giet interpellata inutilment biex thallas dan id-dejn inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Ottubru 2008 ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap.12 ;

4. Illi l-fatti hawn fuq esposti huma maghrufa personalment mill-istess attur.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi -

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma mitluba ta' €32,141 favur ta' l-attur bhala bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta skond kif spjegat hawn fuq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-precitata ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali li jibqghu jiddekorru sal-hlas effett ghas-saldu kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni."

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur kif ukoll id-dokument esebit mill-attur mar-rikors mahluf.

Semghet lil John Debono, bhala rappresentant tas-socjeta' konvenuta, jiddikjara bil-gurament tieghu fl-udjenza tal-15 ta' Settembru 2009 li s-socjeta' konvenuta kienet qed tammetti t-talbiet attrici.

Peress li bl-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talbiet attrici gew debitament ippruvati.

**Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Fl-ewwel lok tiddikjara lls-socjeta' konvenuta bhala vera, certa u likwida debitrici tal-attur fis-somma ta' tnejn u tletin elf mija u wiehed u erbghin Ewro (€32,141) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' flus ghal diversi servizzi resi u esekwiti mill-attur fuq inkariku tas-socjeta' konvenuta konsistenti f'xoghol u materjal ta' bini inkorsi fi progett tas-socjeta' konvenuta gewwa Triq Tumas Fenech, Birkirkara.**

**Fit-tieni lok, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur din is-somma ta' tnejn u tletin elf mija u wiehed u erbghin Ewro (€32,141) bl-imghax legali b'effett mill-14 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Fit-tielet lok tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------